

Brussell, 27 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7855/23

PECHE 111

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 170 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW fir-rigward tad-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u fl-Artikolu 45(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 170 final.

Mehmuż: COM(2023) 170 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2023
COM(2023) 170 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**fir-rigward tad-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(2), (3), (6),
(7) u fl-Artikolu 45(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u
tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd**

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (UE) Nru 1380/2013¹ ("ir-Regolament dwar il-PKS"), ikopri:

- (a) il-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u l-ġestjoni tas-sajd u l-flotot li jisfruttaw tali riżorsi; u
- (b) fir-rigward ta' miżuri dwar is-swieq u miżuri finanzjarji b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-PKS: ir-riżorsi bijoloġiċi tal-ilma ħelu, l-akkwakultura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura.

Dan ir-Regolament ġie emendat ħames darbiet: fl-2014², fl-2015³, fl-2017⁴, fl-2019⁵ u fl-2022⁶.

Biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-Regolament dwar il-PKS, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu sostenibbli fit-tul mill-aspett ambjentali u soċjoekonomiku, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Din is-setgħa⁷ tista' tintuża mill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' konservazzjoni li jakkumpanjaw ċerti obbligi ambjentali għall-Istati Membri⁸ bil-għan li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 13(4) tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina⁹ (MSFD), l-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar l-Għasafar¹⁰ jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-Habitats¹¹, biex jiġi implimentat l-obbligu

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea.

³ Ir-Regolament (UE) 2015/812 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2187/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 2347/2002 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (UE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, rigward l-obbligu tal-ħatt u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1434/98.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2017/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/2495 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tar-restrizzjonijiet għall-aċċess għall-ilmijiet tal-Unjoni.

⁷ Prevista fil-premessa (67) tar-Regolament dwar il-PKS.

⁸ Previsti fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-PKS

⁹ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina)

¹⁰ Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi

ta' ħatt l-art u biex jiġu stabbiliti regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi. Għe stabbilit Kunsill Konsultattiv¹² għal kull żona ġeografika jew qasam ta' kompetenza sabiex tiġi promossa rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati kollha u biex jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi previsti fl-Artikolu 2 tar-Regolament dwar il-PKS. Il-Kunsilli Konsultattivi huma magħmula minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi tas-sajd u tal-akkwakultura u tas-setturi tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll minn gruppi ta' interess oħrajn (bħal organizzazzjonijiet ambjentali u gruppi tal-konsumaturi).

L-Artikolu 46 tar-Regolament dwar il-PKS jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati.

2. Bażi ġuridika

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 46(2) tar-Regolament dwar il-PKS. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħat tal-adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u fl-Artikolu 45(4) huma mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mid-29 Diċembru 2013. Il-Kummissjoni trid tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħat sa mhux iktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' 5 snin. L-ewwel rapport, li jkopri l-perjodu mill-pubblikazzjoni tar-Regolament dwar il-PKS (11 ta' Diċembru 2013) sal-1 ta' Diċembru 2017, ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2018¹³ u ġie adottat qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin tad-29 ta' Diċembru 2018. Is-setgħat delegati jiġu estiżi awtomatikament għal perjodi ta' 5 snin, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament dwar il-PKS. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe oppożizzjoni mill-koleġislaturi, id-delega tas-setgħat ġiet estiża awtomatikament għal 5 snin oħra, sad-29 ta' Diċembru 2023.

Ir-Regolament dwar il-PKS jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati:

- a) għall-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità ma' ċerti obbligi skont il-leġislazzjoni ambjentali tal-Unjoni (l-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar il-PKS);
- b) għall-integrazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-UE fid-dritt tal-UE, inkluż, b'mod partikolari, id-derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art (l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-PKS);
- c) għall-estensjoni tal-applikazzjoni tal-obbligu tal-ħatt l-art għal speċijiet għajr dawk elenkati fl-Artikolu 15(1) fejn rakkomandazzjoni konġunta għal dan il-għan tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni (l-Artikolu 15(3) tar-Regolament dwar il-PKS);
- d) għall-istabbiliment ta' pjanijiet speċifiċi temporanji għall-iskartar li jinkludu, fost eżenzjonijiet oħra, eżenzjonijiet *de minimis* u tas-sopravvivenza għolja mill-obbligu tal-ħatt l-art għal perjodu temporanju ta' mhux aktar minn 3 snin li jista' jiġġedded għal perjodu totali ieħor ta' 3 snin, fejn ma jiġi adottat ebda pjan pluriennali jew ebda pjan ta' ġestjoni għaż-żona tas-sajd inkwistjoni (l-Artikolu 15(6) tar-Regolament dwar il-PKS);

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa

¹² Previst fl-Artikoli 43 – 45 tar-Regolament dwar il-PKS.

¹³ COM(2018) 79 final.

e) għall-istabbiliment tal-eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu tal-ħatt l-art ta' mhux aktar minn 5 % tal-qabdiet annwali totali tal-ispeċijiet kollha li għalihom japplika l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1), fejn ma tkun ġiet adottata l-ebda miżura għal dan il-għan la fi pjan pluriennali u lanqas fi pjan speċifiku għall-iskartar (l-Artikolu 15(7) tar-Regolament dwar il-PKS); u

f) għall-istabbiliment ta' regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi (l-Artikolu 45(4) tar-Regolament dwar il-PKS).

Atti delegati b'kontenut simili, iżda li ġew adottati abbażi ta' setgħat ta' regolamenti għajr ir-Regolament dwar il-PKS ma humiex koperti minn dan ir-rapport. Dan huwa partikolarment il-każ għal miżuri tekniċi adottati abbażi tal-artikoli rilevanti tar-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi¹⁴. Atti delegati li jistabbilixxu miżuri għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art adottati abbażi tal-artikoli li ġejjin ukoll ma humiex koperti minn dan ir-rapport:

- 1) l-Artikolu 7 tal-pjan pluriennali Baltiku¹⁵;
- 2) l-Artikolu 11 tal-pjan pluriennali tal-Baħar tat-Tramuntana¹⁶;
- 3) l-Artikolu 13 tal-pjan pluriennali tal-Ilmijiet tal-Punent¹⁷;
- 4) l-Artikolu 14 tal-pjan pluriennali tal-Mediterran tal-Punent¹⁸.

Il-Kummissjoni se tfassal rapporti dwar id-delega tas-setgħat mogħtija lilha minn dawk ir-regolamenti skont il-kundizzjonijiet rispettivi tagħhom.

3. Eżerċizzju tad-delega ta' setgħat

3.1. Aspetti proċedurali

Is-setgħat delegati tal-Kummissjoni, mogħtija skont l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 15(3) u (6) tar-Regolament dwar il-PKS, huma soġġetti għar-reġjonalizzazzjoni prevista skont l-Artikolu 18. L-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett affettwat mill-miżuri kkonċernati

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019).

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018).

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet tal-ħut tal-qiegħ fil-Punent tal-Mediterran u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 508/2014 (ĠU L 172, 26.6.2019).

jistgħu jaqblu li jippreżentaw rakkomandazzjonijiet konġunti biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżuri ta' konservazzjoni rilevanti tal-UE jew tal-pjan speċifiku għall-iskartar. Meta jfasslu r-rakkomandazzjonijiet konġunti għal atti delegati tal-Kummissjoni skont ir-reġjonalizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti. Jekk l-Istati Membri ma jaqblux dwar rakkomandazzjonijiet konġunti jew jekk ir-rakkomandazzjonijiet konġunti jitqiesu inkompatibbli mal-oġġettivi u mal-miri kwantifikabbli tal-miżuri ta' konservazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta għal miżuri xierqa f'konformità mat-Trattat. F'kull baċir tal-baħar, diversi Stati Membri jikkollaboraw fuq miżuri ta' konservazzjoni għas-sajd tagħhom fi ħdan il-gruppi reġjonali tal-Istati Membri, ħliet għall-Baħar l-Iswed li għandu żewġ Stati Membri biss. Hemm seba' gruppi bħal dawn stabbiliti: BaltFish; il-Grupp tal-Ilmijiet tal-Majjistral; il-Grupp ta' Scheveningen; il-Grupp tal-Ilmijiet tal-Lbiċ; PescaMed; ADRIATICA; u SudEstMed.

Fejn rilevanti u f'konformità mar-rekwiżiti, l-abbozzi tal-atti delegati bbażati fuq l-Artikoli 11(2) u 15(3), (6) u (7) tar-Regolament dwar il-PKS ġew sottomessi lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) stabbilit bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE¹⁹ biex jitqies l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

L-Istati Membri kkonsultaw ukoll lill-Kunsilli Konsultattivi rilevanti meta fformulaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti. Xi atti ġew diskussi wkoll waqt il-laqgħat ta' koordinazzjoni regolari tal-Kummissjoni mal-Kunsilli Konsultattivi kollha (laqgħat ta' koordinazzjoni bejn il-Kunsilli Konsultattivi).

Fl-aħħar nett, l-abbozzi tal-atti delegati bbażati fuq is-setgħat inklużi fir-Regolament dwar il-PKS kollha ġew sottomessi lill-Grupp ta' Esperti għas-Sajd u l-Akkwakultura li ġie stabbilit biex jiżgura konsultazzjoni xierqa mal-esperti għat-tnejn tal-atti delegati. Il-Parlament Ewropew u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd huma mistiedna għal-laqgħat ta' dan il-Grupp ta' Esperti bħala osservaturi. Id-dokumenti rilevanti ta' dawn il-konsultazzjonijiet intbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess waqt, kif previst fil-Fehim Komuni dwar l-atti delegati. Wara l-adozzjoni, l-atti delegati kollha ġew innotifikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Sal-lum, il-Parlament Ewropew oġġezzjona għal att delegat wieħed adottat mill-Kummissjoni skont ir-Regolament dwar il-PKS li jirrigwarda l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar fil-Baħar tat-Tramuntana²⁰. Il-Parlament għamel dan fi żmien xahrejn, f'konformità mal-Artikolu 46(5) tar-Regolament dwar il-PKS. Għalhekk, din il-proposta ma daħlitx fis-seħħ. Għal xi atti delegati oħra, il-Parlament Ewropew talab li l-iskadenza tiġi estiża għal xahrejn oħra.

3.2. Lista ta' atti delegati adottati skont ir-Regolament dwar il-PKS

L-atti delegati kollha adottati mill-Kummissjoni mit-2 ta' Diċembru 2017 huma elenkati hawn taħt. Huma kklassifikati skont l-istatus legali (fis-seħħ, taħt skrutinju u mħassra jew skaduti). Il-lista ġiet aġġornata l-aħħar fl-1 ta' Jannar 2023 u tirrifletti s-sitwazzjoni attwali dakinhar.

3.2.1. ATTI DELEGATI FIS-SEĦĦ

¹⁹ Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2005/629/KE tas-26 ta' Awwissu 2005 li tistabbilixxi Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (ĠU L 225, 31.8.2005, p. 18).

²⁰ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tat-2 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana (C(2018)01194).

a) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar il-PKS

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/340** tat-8 ta' Diċembru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 fir-rigward tal-miżuri ta' konservazzjoni f'Sylter Aussenriff, f'Borkum-Riffgrund, f'Doggerbank u f'Östliche Deutsche Bucht, u fi Klaverbank, fi Frieze Front u f'Centrale Oestergronden²¹.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/952** tad-9 ta' Frar 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/118 li jistabbilixxi l-miżuri ta' konservazzjoni fis-sajd għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu fil-Baħar tat-Tramuntana²².

b) Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-PKS

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/824** tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral²³.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2200** tal-10 ta' Lulju 2019 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral²⁴.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/191** tat-30 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, taħt il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, fir-rigward tal-istokkijiet tal-pixxispad tal-Mediterran²⁵.

c) Skont l-Artikolu 15(3), (6) tar-Regolament dwar il-PKS

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2287** tat-12 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2065 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed fir-rigward tal-estensjoni tal-eżenzjoni b'rata għolja ta' sopravivenza għall-obbligu ta' ħatt l-art għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed²⁶;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2065** tal-25 ta' Awwissu 2021 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għas-sajd tal-barbuni imperjali fil-Baħar l-Iswed²⁷.

d) Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament dwar il-PKS

²¹ ĠU L 48, 16.2.2023, p. 1.

²² ĠU L 165, 21.6.2022, p. 1-22.

²³ ĠU L 147, 30.5.2022, p. 1.

²⁴ ĠU L 332, 23.12.2019, p. 1.

²⁵ ĠU L 36, 9.2.2018, p. 13.

²⁶ ĠU L 303, 23.11.2022, p. 1.

²⁷ ĠU L 421, 26.11.2021, p. 14.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161** tat-23 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran²⁸;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2012** tal-5 ta' Awwissu 2020 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/161 li jistabbilixxi eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu tal-ħatt l-art għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fil-Baħar Mediterran, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu²⁹

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2064** tal-25 ta' Awwissu 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u tax-Xlokk tal-Mediterran³⁰.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2564** tas-16 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/2064 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment ta' eżenzjoni *de minimis* għall-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Adrijatiku u tax-Xlokk tal-Mediterran³¹.

e) Skont l-Artikolu 45(4) tar-Regolament dwar il-PKS

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/204** tat-8 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/242 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-funzjonament tal-Kunsilli Konsultattivi skont il-Politika Komuni tas-Sajd³².

3.2.2. ATTI DELEGATI ADOTTATI MILL-KUMMISSJONI IŻDA LI GĦADHOM MHUX FIS-SEĦĦ (TAĦT SKRUTINJU)

a) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

b) Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

c) Skont l-Artikolu 15(3), (6) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

d) Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

e) Skont l-Artikolu 45(4) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

²⁸ ĠU L 30, 2.2.2018, p. 1.

²⁹ ĠU L 415, 10.12.2020, p. 1.

³⁰ ĠU L 421, 26.11.2021, p. 9.

³¹ ĠU L 330, 23.12.2022, p. 126.

³² ĠU L 34, 16.2.2022, p. 1.

3.2.3. *ATTI DELEGATI MĦASSRA JEW SKADUTI*

a) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

b) Skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

c) Skont l-Artikolu 15(3), (6) tar-Regolament dwar il-PKS

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/44** tal-20 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2374 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd bit-tkarkir tal-qiegħ fl-ilmijiet tal-Lbiċ³³;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/45** tal-20 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-Diviżjoni IIa tal-ICES għas-sena 2018³⁴;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/46** tal-20 ta' Ottubru 2017 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali u fil-baħar fond fl-ilmijiet tal-Majjistral għas-sena 2018³⁵;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/153** tat-23 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/86 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran³⁶.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/211** tal-21 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi pjan ta' skartar tal-ħut fir-rigward tas-salamun fil-Baħar Baltiku³⁷;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/188** tal-21 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 1394/2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ³⁸;

- **Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/189** tat-23 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 1395/2014 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-ħut għal ċertu sajd ta' ħut pelaġiku żgħir u ċertu sajd għal skopijiet industrijali fil-Baħar tat-Tramuntana³⁹;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/190** tal-24 ta' Novembru 2017 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 1393/2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd pelaġiku fl-ilmijiet tal-Majjistral⁴⁰;

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2033** tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu 2019-2021⁴¹.

³³ ĠU L 7, 12.1.2018, p.1.

³⁴ ĠU L 7, 12.1.2018, p. 6.

³⁵ ĠU L 7, 12.1.2018, p. 13.

³⁶ ĠU L 29, 1.2.2018, p. 1.

³⁷ ĠU L 41, 14.2.2018, p. 1.

³⁸ ĠU L 36, 9.2.2018, p. 1.

³⁹ ĠU L 36, 9.2.2018, p. 4.

⁴⁰ ĠU L 36, 9.2.2018, p. 8.

⁴¹ ĠU L 327, 21.12.2018, p. 1.

- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034** tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021⁴².
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2035** tat-18 ta' Ottubru 2018 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2019-2021⁴³.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2036** tat-18 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/86 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran⁴⁴.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/905** tat-13 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2018/2034 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021⁴⁵.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/906** tat-13 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2018/2035 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu 2019-2021⁴⁶.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1759** tat-28 ta' Awwissu 2020 li jikkoreġi r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ⁴⁷.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/3** tat-28 ta' Awwissu 2019 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar tal-gandoffli Venus (Venus spp.) fl-ilmijiet territorjali tal-Italja⁴⁸.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/4** tad-29 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/86 li jistabbilixxi pjan ta' skartar għal ċertu sajd demersali fil-Baħar Mediterran⁴⁹.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2237** tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu tip ta' sajd demersali fl-ilmijiet tal-Lbiċ għall-perjodu mill-2020 sal-2021⁵⁰.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2237** tat-13 ta' Awwissu 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/3 fir-rigward tad-deroga għad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-gandoffli ta' Venere (Venus spp.) fl-ilmijiet territorjali tal-Italja⁵¹.
- **Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1759** tat-28 ta' Awwissu 2020 li jikkoreġi r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelaġiku fl-ilmijiet tal-Lbiċ⁵².

d) Skont l-Artikolu 15(7) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

⁴² ĠU L 327, 21.12.2018, p. 8.
⁴³ ĠU L 327, 21.12.2018, p. 17.
⁴⁴ ĠU L 327, 21.12.2018, p. 27.
⁴⁵ ĠU L 145, 4.6.2019, p. 2.
⁴⁶ ĠU L 145, 4.6.2019, p. 4.
⁴⁷ ĠU L 397, 26.11.2020, p. 4.
⁴⁸ ĠU L 2, 6.1.2020, p. 1.
⁴⁹ ĠU L 2, 6.1.2020, p. 5.
⁵⁰ ĠU L 336, 30.12.2019, p. 26.
⁵¹ ĠU L 436, 28.12.2020, p. 1.
⁵² ĠU L 397, 26.11.2020, p. 4.

e) Skont l-Artikolu 45(4) tar-Regolament dwar il-PKS

L-ebda wieħed

4. Konklużjoni

Il-Kummissjoni tqis li eżerċitat is-setgħat delegati tagħha skont il-mandat tar-Regolament dwar il-PKS.

Id-delega tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 11(2), l-Artikolu 15(2), (3), (6), (7) u l-Artikolu 45(4) tar-Regolament dwar il-PKS għandha tiġi estiża f'konformità mal-Artikolu 46(2) tal-istess Regolament, biex tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi tiegħu.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.